**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Ottubru, 2019**

**Rikors nru: 165/12 AGV**

AB

Vs

CB

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fl-24 ta' Lulju, 2012 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi peress li l-partijiet izzewwgu fis-7 ta' Settembru, 2002 gewwa l-knisja parrokkjali taz-Zejtun u minn dan iz-zwieg twieldet il-minuri DB fis-6 ta' Ottubru, 2003.

2. Illi peress li l-partijiet irregolaw il-firda personali taghhom permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Buttigieg datat 2 ta' Frar, 2007.

3. Illi filwaqt li l-konvenuta ghandha l-kura u kustodja tat-tifla minuri, decizjonijiet magguri rigwardanti ta' sahha, l-edukazzjoni u s-safar tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament iz-zewg partijiet jew bl-intervent tal-Qorti kompetenti.

4. Illi l-attur ghandu access ghat-tifla skond il-modalita' pattwita fil-kuntratt li skond klawsola numru 5 (e) (iv):

   "Il-partijiet jiddikjaraw illi r-ragel ghandu access ghat-tfal minuri darba fil-gimgha nhar ta' Gimgha mill-17.00 sas-19.00 u l-Hadd fl-istess hinijiet dejjem taht sorveljanza jew tal-mara jew tal-agenti tal-agenzija Appogg skond kif il-partijiet jiftiehmu minn zmien ghal zmien."

5. Illi minhabba dan l-arrangament l-esponenti ilu ma jara lil bintu ghal dawn l-ahhar sentejn. Illi ma jezistux l-estremi legali ghalfejn l-attur ghandu jara lil bintu b'mod supervizjonat dejjem mill-attrici jew permezz ta' agenti tal-Agenzija Appogg u huwa fl-ahjar interess tal-minuri li hija jibda jkollha access ma' missierha wahedha u ghalhekk l-attur jixtieq li din il-projbizzjoni li ma jezercitax l-access ghall-minuri D, wahdu tigi mnehhija.

6. Illi r-rikorrenti wara diversi tentattivi, permezz tal-medjazzjoni biex tinbidel din il-klawsola, tentattivi li qatt ma gew risposti minn naha tal-intimata bilfors kellu jirrikorri ghal dawn il-proceduri odjerni.

7. Illi l-esponenti gie awtorizzat sabiex jipprocedi ghall-kawza permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) bin-numru 667/12 hawn anness u mmarkat bhala Dokument JS1.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

Tordna r-revoka, l-abrogazzjoni u/jew l-emenda tal-Artikolu 5(e)(iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Marco Buttigieg datata 2 ta' Frar, 2007 billi tipprovdi u tirregola bejn il-partijiet u tordna u tippermetti illi l-esponenti missier CB ikun jista' jezercita' u jipprattika l-access ma' bintu wahdu u mhux taht sorveljanza tal-konvenuta jew tal-Agenzija Appogg u dan taht dawk il-kondizzjonijiet u provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkunu xierqa.

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuta li eccepiet:-

Illi l-esponenti qieghda topponi t-talba tar-rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti ma ta l-ebda raguni ghalfejn l-artikolu 5 (e)(iv) tal-kuntratt ta' separazzjoni maghmul minn Nutar Marco Buttigieg fit-2 ta' Frar, 2007 ghandu jigi revokat, abrogat jew emendat kif minnu mitlub.

2. Illi l-esponenti tinsisti li r-rikorrenti ghandu jara lill-minuri bintu Francesca taht is-sorveljanza taghha u/jew tal-Agenzija Appogg stante li:-

(i) Skond kif ammetta r-rikorrenti stess lil bintu ilu ma jaraha ghal sentejn u ghalhekk il-minuri prattikament insietu u trid tigi rijabilitata ghaliha biex terga' tibda taccettah bhala missierha;

(ii) Illi fil-passat kien hemm storja ta’ suspetti fejn il-minuri setghet kienet qed tigi abbuzata mill-istess missierha. Di fatti, it-tifla kienet tilmenta “li l-papa’ huwa pastaz” waqt li taghmel idejha fuq il-partijiet privati taghha; u

(iii) Illi ghalhekk ir-rikorrenti accetta li jara lil bintu taht sorveljanza kif stipulat fl-istess kuntratt, liema kuntratt huwa ghamlu volonta’ libera tieghu u mhux ghax b’xi mod kien imgieghel.

3. Illi kif se jirrizulta waqt il-kawza l-esponenti qatt ma cahdet lir-rikorrenti li jara lil bintu u kemm il-darba saru appuntamenti biex huwa jaccedi ghall-istess minuri, liema appuntamenti ma nzammux minnu fuq skuza jew ohra.

4. Illi jekk huwa daqstant importanti ghar-rikorrenti li jara lil bintu minuri, l-esponenti tistaqsih ghalfejn ghal sentejn shah qatt ma ha proceduri biex jaraha.

5. Salv eccezzjonijiet ultejuri kemm il-darba jkun il-kaz.

Rat ir-Rapport ta’ Andreana Gellel, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg ipprezentat fit-18 ta’ Jannar, 2013.[1]

Rat id-digriet taghha tat-23 ta’ Settembru, 2013 fejn giet nominata l-psikologa Roberta Zahra De Domenico biex taghmel assessment pskologiku tal-minuri Francesca u taz-zewg genituri.[2]

---

[1] Ara fol.15 tal-process.

[2] Ara fol. 40 tal-process.

Rat ir-Rapport tal-Esperta Gudizzjarja Roberta Farrugia Debono datat 27 ta' Marzu, 2014 a fol. 95 tal-process.

**FATTI**

1. L-attur u l-konvenuta kienu zzewwgu fis-7 ta' Settembru, 2002 u kellhom lill-minuri D, li twieldet fis-6 ta' Ottubru, 2003.

   Il-konvenuta tattribwixxi l-problemi fiz-zwieg taghhom minhabba l-pornografija li kien iffissat fil-fehma taghha, l-attur. Tghid li meta kienu joqoghdu flimkien ma' uliedha mill-ewwel zwieg, kienet sabet lit-tfal jaraw videos pornografici u l-attur ammetta li kienu tieghu. L-istess it-tifel E kien sab magazines pornografici li kienu tal-attur u kien ighid li kien isibhom fl-ghalqa fejn kien ikun l-attur u skond il-konvenuta jekk kien imur ighid lil ommu kien jaqla' l-iswat minghand l-attur.

   Kien beda jikkummenta skond il-konvenuta b'diskors mhux xieraq, fuq it-tifla taghha F, meta bdiet tkellem lil certu G.

   Tistqarr ukoll li gieli kienet issib lill-attur jimmasturba fuq is-sodda matrimonjali u mbaghad kien jevita li jkollhom relazzjonijiet intimi. Kienet isiblu ukoll ritratti maqtughin mill-*magazines*, kif ukoll *condoms* mohbijin fil-kexxun. Kien hemm okkazjoni ohra meta kienet marret tkellmu l-ghalqa u kien hareg barra bil-qalziet ta' taht u f'idu kellu magazine pornografiku, b'nifsu maqtugh u bl-gharaq niezel ma' wiccu. Minn hawn kienet iddecidiet li riedet separazzjoni, minkejja li kienet marret *counselling* ghand ta' Kana, Dun Victor Grech u Dun Ang Seychell. Tghid li l-attur ma kienx jattendi.

Isemmi ukoll li darba kellhom argument dwar il-pornografija u kien iwaddabha t-tarag ‘l isfel u kien carrtilha ghonqha. Fuq dan tghid li kien sar rapport il-polyclinic tal-Mosta.

Il-konvenuta tispjega li kienet qed taghmel hilitha biex forsi z-zwieg jirnexxi u l-attur inehhi l-vizzji li kellu, pero’ ssemmi li meta kien jitla’ jahsel lit-tifla minuri kienet tibki u kien ighidilha li ma riditx torqod. Kienet ukoll innutat li kien hemm darba fejn it-tifla minuri bdiet tholl il-buttuni tal-qmis ta’ missierha u nizzlitlu z-zip tas-shorts. Hi tghid li ddejjqet hafna b’dan. Kien hemm incident iehor fejn il-minuri talbet lill-attur juriha l-parti tieghu.

Il-konvenuta tghid li hija konvinta li l-attur kien abbuza mit-tifla minuri taghhom. Meta semmiet l-ewwel darba t-tifla kellha xi erba’ snin. Kienet haditha l-polyclinic ghax kellha d-deni u kienet qed tibki hafna. It-tifla kienet tbati hafna b’grizmejha. Meta kienu fi triqthom lejn id-dar, it-tifla minuri bdiet tibki hafna izjed u kienu qalulha biex tmur l-isptar u wara li kienu gew it-tobba biex jezaminawha, it-tifla minuri kienet semmiet li “l-papa’ pastaz.” Minn hemm kienu qabduhom mal-Appogg u kienet bdiet issegwiha Rodianne Borg. F’dan iz-zmien, il-konvenuta tghid li l-attur kien ghadu d-dar, imbaghad kien telaq ftit wara, peress li diga’ kienu ilhom sentejn bil-problemi.

Il-konvenuta tghid ukoll li kienu qabbduha lill-Ispettur Sharon Tanti, pero’ kienet qataghtilha qalbha biex imexxu kontra l-konvenut minhabba t-tbatija li kienet ser tbati t-tifla.

Tammetti li sakemm it-tifla minuri kellha sena u nofs gieli kienet thalli lill-attur ibiddlilha n-nappy, izda kienet thoss li kien idum u meta darba staqsietu ghalfejn kien qallha li biex inaddafha sew irid jifthilha ‘l hemm u ‘l hawn. Tghid li minn dakinhar ma hallitux ibiddlilha n-nappy izjed u tghid li ma kinitx tatu raguni, minkejja li f’dak iz-zmien ma kinitx qed tissuspetta xejn fuq abbuz. Madanakollu, dak iz-zmien mal-attur diga’ kellha problemi fuq il-pornografija, izda tghid li sa meta waqqifthu milli jbiddel in-nappy m’ghaddewlhiex hsibijiet ta’ abbuz. Illum pero’ b’ dak li qalet it-tifla hija konvinta li kien hemm abbuz u skond kif spjegat il-Qorti bil-pala tal-id, l-attur kien imiss ‘l quddiem tal-gisem, mill-ghonq ‘l isfel.

Waqt l-access taht supervizjoni, l-attur kien ghajjar lit-tifla mignuna u kien qal lill-konvenuta li kien ahjar jekk tehodha ghand psikjatra. Kien hemm okkazzjonjiet fejn talabha skuza u ammetta li zbalja tghid il-konvenuta.

Il-konvenuta tghid ukoll li kienet sofriet hafna theddid minghand l-attur u spicca gellidha mat-tfal. Tghid li bintha F, kienet spiccat tiehu d-droga u kienet semghet lil xi hadd waqt li kienu l-Qorti jghid li l-attur kien beda jiftahar li kien imiss lil bintha l-kbira. Tghid li n-neputi taghha kien qallha li l-attur kien misslu zaqqu u patattu. Dwar bintha l-ohra Jessica, tghid li din ghamlet zmien ma riditx tidhol tinhasel minghajr ebda raguni u kienet hadet ir-ruh meta kienet telqet lill-attur.

2. L-attur ighid li wara li zzewwgu kienu marru jghixu mieghu, li kien accetta ukoll it-tlett itfal l-ohra li kellha l-konvenuta mill-ewwel ragel taghha li kien miet.

Jghid li l-problemi bdew peress li l-konvenuta kienet tghajjru u kienet anke tohrog u ddum barra. Imbaghad meta t-tifla minuri kellha tlett snin inqalghet il-problema li bdiet takkuzah li kien abbuza minn bintu. Hu jichad kategorikament dan l-att u jinsisti li anke l-pulizija qatt ma hadu passi kontrih. Jghid ukoll li t-tfal tal-attrici baqghu jghixu mieghu, meta hu ssepara minn mal-konvenuta u sakemm saru *teenagers* kien imantnihom hu.

L-attur huwa konvint li l-konvenuta kienet harget bl-istorja tal-abbuz, biex tingannah u sfurzatu jiffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni datat 2 ta' Frar, 2007, fejn kontra l-volonta' tieghu kien dawwar nofs id-dar matrimonjali li kienet parafernali, ghal fuq il-konvenuta. Kien ftiehem ukoll li jkollu access ghall-minuri kull nhar ta' Gimgha bejn l-5 pm u d-9pm u l-Hdud fl-istess hinijiet, taht is-sorveljanza tal-Agenzija Appogg.

Kien jaraha regolarment u kienu jiftiehmu fejn kellu jsir l-access, izda qatt ma sar id-dar. Wara li nharqet id-dar u ghamel it-tiswijiet, kien taht l-impressjoni li l-konvenuta, flimkien ma' uliedha kienet baqqghet tghix fid-dar matrimonjali, peress li hu sadanittant kien telaq. Kien mar biex jara jekk kienx kollox sew u sab li t-tfal il-kbar tal-konvenuta kienu qed ighixu wahedhom, ghax il-konvenuta kienet telqet bit-tifla minuri D u H u kienet marret tghix mal-partner taghha IJ.

L-attur ighid li minn dakinhar kien ra lil bintu darbtejn u wara l-konvenuta kienet bdiet issib l-iskuzi li l-minuri D ma riditx tarah sakemm irnexxielha taqtaghha minn hajtu. Kienet sahansitra biddlet in-numru tat-telefon. Kienet baqqghet sejra b' din l-istorja tal-abbuz u anke kienet xandritha mal-*media* u l-gurnali u jhoss li dan mhux ta' gid

ghall-minuri ghax qed tigi influwenzata hafna minghand ommha l-konvenuta.

L-attur ighid li sakemm xehed kien ilu ma jara lil bintu hames snin.

3. Dr. Joseph Saliba, psikologu tal-minuri DB mis-sena 2010 u meta kien xehed, it-tifla minuri kien ghad ghandha 10 snin. L-ewwel raguni ghaliex kienet marret tarah, kien minhabba li bdiet turi sintomi ta' ansjeta' u biza' u cioe' bdiet timmanifesta *emotional u behavioural problems* minhabba "adjustment disorder." Kienet anke ggib ruhha b'mod imqareb jew tirrifjuta li tmur l-iskola u dan kollu kien minhabba li kellha l-biza' li jkollha kuntatt ma' missierha. Skond Dr. Saliba, ikun fl-interess tal-minuri li ma tigix mgieghla li jkollha kuntatt, mhux fis-sens li m'ghandhiex tara lill-missierha, izda jirrakkomanda li l-kuntatt ghandu jsir f'ambjent fejn hi tigi ppreparata u li wiehed jindirizza l-biza' taghha. Kien hemm okkazzjoni ohra, fejn il-minuri kienet qed thedded li se taghmel hsara lilha nnifisha u kien qabel li ghandha tigi assessjata minn esperti indipendenti u rrifjutat li tara dan l-istess espert, minhabba n-nuqqas ta' fiducja taghha. Ghal darb'ohra kien irrakkomanda li l-minuri ma kellhiex ghalfejn tigi mgieghla, izda pero' ma kienx kontra li din l-espert tuza' l-iskills professjonali taghha biex permezz tal-omm theggigha biex taccetta li din il-psikologa qeghda tassessjaha biex tghinha u ghandha tghin lill-psikologa biex tkun tista' taqdi dmirha lejn il-Qorti.

Dr. Saliba jikkonferma li kien ra lill-minuri l-ahhar darba fis-6 ta' Jannar, 2014 u dan meta kienet iddahhlet l-Isptar Mater Dei peress li kienet bdiet thedded li se taghmel hsara lilha nnifisha. Jikkonferma wkoll li tul dawn is-snin, it-tifla kienet tinsisti li ma riditx tara lil

missierha, izda ma kienx dahal fir-ragunijiet ghalfejn, ghax dan kien kompitu tal-Appogg. Li kellu jiddetermina huwa jekk genwinament it-tifla kinitx imbezza' jew kinitx qed tirrecta u hafna drabi tista' verament tkun biza' reali pero' huwa fatt li t-tfal huma dipendenti hafna fuq dak li qed jigri madwarhom u ghalhekk seta' jaghti l-kaz li kienet f'ambjent fejn qed ibezzghuha u ghalhekk kienet thoss li dan it-tip ta' kuntatt kien kuntatt ta' "periklu." Izid jghid li ma kinitx tibza' minnu, ghax f'mohha kien persuna li ma kienx se jwassalha sabiex tara lil missierha, minkejja li qatt ma hadem kontra din l-ideja, filwaqt li l-psikologa mqabbda mil-Qorti kienet dik il-persuna li kienet se twassalha tara lil missierha.

Ighid li meta ra lill-minuri l-ahhar, kien ippreskriva li tiehu ftit iktar mid-doza tal-kalmant li kienet qed tiehu diga' l-minuri. Meta giet mahtura l-esperta psikologa mill-Qorti, il-psikologa li kienet taraha, Marcella Muscat, itterminat l-involviment taghha u peress li l-istess psikologa ma kinitx qed tahdem izjed fic-Child Guidance clinic, il-minuri spiccat fuq il-waiting list ta' sena.

4. Marcella Muscat, il-psikologa tghid li kienet bdiet tara lill-minuri fl-2011 meta kienet qed tahdem fic-Child Guidance Clinic, wara li giet irreferuta minn Dr. Saliba. Il-minuri kienet qed tbati minn 'anxiety disorder'. Baqghet taraha sal-2013 izda mhux regolarment. Imbaghad kienu waqfu peress minhabba l-proceduri legali kien hemm l-Appogg involuti.

   Ix-xhud tispjega li l-minuri kienet tbati minn hafna ansjeta' u kien hemm drabi fejn kienet tispicca tirremetti. Din l-ansjeta' tghid li kienet tfegg fejn kien ikun hemm affarijiet relatati mal-Qorti biex tara lil missierha, ghax kienet tghidilha li ma riditx tarah. Dan il-hsieb kien qed

jikkagunalha trawma u kienet tiehu l-medicina wkoll. Skond il-files ir-raguni li kellha kienet minhabba 'domestic violence' u abbuz.

Ix-xhud tghid li kienu tkellmu fuq l-abbuz, pero' ma kienx kompitu taghha li taghmel investigazzjoni fuq dan, u ghalhekk kienet issuggeriet li jigu nominati persuni specjalizzati f'dan il-qasam, aktar u aktar meta diga' kien hemm l-Appogg involuta.

Ix-xhud spjegat li ghall-habta tas-sena 2011, l-attur kien mar l-iskola tal-minuri u din il-haga kienet werwritha, tant li sena wara kien rega' kellha hafna ansjeta'. Kienet irkadiet fis-16 ta' April, 2012 peress li l-attur kien qed jitlob l-access. Tghid li l-minuri kienet zviluppat tip ta' *phobia*.

5. Il-psikologa Roberta Farrugia Debono xehdet li wara li ltaqghet mal-partijiet u hejjiet ir-rapport, kien jirrizultalha li t-tifla minuri ma tridx tiltaqa' mal-attur missierha, izda l-biza' rrizultat l-aktar minhabba li s-separazzjoni ghexitha m'ommha li pingiet lill-attur bhala mostru u dan wassal ghal biza' eccessiva. Tghid li dan huwa kaz tipiku ta' "parental alienation." Ghalhekk, osservat li l-ewwel irid isir ix-xoghol mal-konvenuta, li kellha bzonn tifhem li t-tifla minuri ghandha bzonn kemm lil missierha, kif ukoll lil ommha f'hajjitha. Tghid ukoll li jrid isir hafna *social work* mal-attur sabiex jifhem ukoll li ladarba l-minuri tibza' minnu se jkollha bzonn ftit ghajnuna mhux hazin sakemm tasal biex taccettah lura f'hajjitha.

Dwar il-minuri D, tghid li l-ghajnuna li ghandha bzonn tista' ssibha biss fil-professjonisti tal-Appogg. Kienu jitlaqghu u bil-kalma it-tifla kienet

tifhem, izda mbaghad kien hemm drabi fejn wara li tmur lura d-dar, it-tifla terga' tkun difficli u kien ovvju li kellha bzonn terapija.

Tissuggerixxi ukoll illi l-minuri ghandha tiltaqa' ma' hutha l-kbar l-ewwel u qabel kollox, minkejja li dawn ma kellhomx relazzjoni m'ommhom il-konvenuta u kienu effettivament jghixu mal-attur, li ma kienx missierhom, biex l-ewwel tifhem li ghandha familja. Imbaghad, trid issir terapija mal-omm ukoll biex it-tifla tmur lura d-dar u l-affarijiet ikunu ahjar. Kien hemm episodji fejn l-omm kienet iccempel b'*panic* kbir ghax it-tifla ma tkunx trid tmur id-*drama,* imbaghad ladarba kienet tkellimha hi kienet tikkalmaha f'zewg minuti.

Il-psikologa ssemmi li l-minuri hija *attached* hafna m'ommha u hemm *separation anxiety* kbira hafna, tant li jekk tittiehed 'il boghod minn ommha ghal ftit zmien, l-ansjeta' li se jkollha tkun estrema. It-tifla mhix fi stat psikologiku tajjeb, tant li kien hemm okkazzjonijiet fejn kienet anke torqod marbuta b'katina jew b'habel m'ommha. Li ghandha bzonn huwa ghajnuna f'dak li tghidilha ommha. Il-biza' u l-ansjeta' huma patologici. Tiddeskrivi lit-tifla bhala *disturbed* hafna u tghid li l-istorja tal-abbuz ma kienet ta' ebda gid ghaliha, specjalment peress li ommha ssemmiha l-hin kollu u t-tifla kontinwament issemmi li l-papa' missilha l-parti taghha. Dan id-diskors kellu jieqaf fl-interess tat-tifla, gara jew ma garax. Oltre minn hekk tghid li anke l-headmistress tinstab inkwetata ghaliha peress li l-iskola tibqa' wahedha u dejjem tinkwieta fuq ommha u din kienet inkwetanti tenut kont li dalwaqt kienet se tibda s-sekondarja.

Il-psikologa tissuggerixxi illi l-ahjar ikun li tinghata ghajnuna lil omm, tinghata ghajnuna lit-tifla u b'mod mhux immedjat tiltaqa' ma' hutha,

ghalkemm qatt ma semmiethom maghha, ghax il-konvenuta dejjem kienet tkun prezenti waqt is-sessions.

6. EK, bin il-konvenuta, jikkonferma dak li xehed l-attur u jzid jghid li meta beda l-glied kien minhabba li l-konvenuta bdiet takkuza lill-attur li kien abbuza minn binthom u kienet se tixhtu l-habs. Kienet ittambar f'mohh it-tifla din tal-abbuz u waqfet milli tkompli tahsel il-hwejjeg tal-attur u lanqas kompliet torqod mieghu. Kienu jaraw glied ta' kuljum u tghajjir. Minhabba f'hekk ighid li l-attur kien mar jghix go kamra f'ghalqa.

   Dwar il-konvenuta, binha jghid li hija bniedma egocentrika u egoista, filwaqt dwar l-attur ighid li huwa persuna li qatt ma raw ghajn hazina minnu u kien konvint li kien ihobb hafna lil FD, tant li kien anke jfissidha. B' dak li ommu ivvintat jghid li ghamlet hafna hsara lill-familja taghha u rnexxielha tbieghed anke lilu u lil hutu mill-ewwel zwieg, tant li baqghu jghixu mal-attur. Ommu kienet telqet fis-sena 2010.

7. FK, bint il-konvenuta kkonfermat il-verzjoni ta' huha. Izzid tghid ukoll li meta l-konvenuta telqet fl-2010, flimkien ma' hutha H u D, ghal sitt xhur shah ma kellhiex kuntatt maghha u ma' huha E. Kienu ppruvaw jikkuntatjawha izda ghalxejn. Kienu abbandunati minnha u kienet trawma kbira ghalihom. Ftit wara mar rega' jghix maghhom l-attur li sadanittant kien telaq mid-dar matrimonjali. Tghid li f'dak iz-zmien hi kellha 20 sena, filwaqt li huha kellu 18-il sena. Aktar tard kienet saret taf fejn qeghdha toqghod ommha u kienet marret tfittixha u l-konvenuta kienet qed tghix ma' ragel iehor, izda mbaghad saret taf li d-dar kienet ghall-bejgh b'subbasta. Minhabba dan l-egoizmu tal-konvenuta, bintha

ddecidiet li taqta' kull kuntatt minn maghha, Ohtha H, illum telqet mir-residenza tal-konvenuta ukoll ghax kellha xi tghid maghha.

Ix-xhud thoss li l-minuri D, ma nghatatx cans li tibni relazzjoni ma' missierha, ghaliex il-konvenuta kienet possessiva hafna fuqha u kienet dejjem maghha. Tghid li lanqas tiftakarhom imorru l-bandli maghha bhala genituri. Wara s-separazzjoni, tghid li l-attur ftit li xejn kien jara lill-minuri u l-konvenuta kienet tuzaha bhala arma biex tweggghu, ghax qabel biex il-konvenuta toqghod tiggerra bil-lejl, ma kinitx issib problema biex thalli t-tfal kollha, inkluz lil D mal-attur, li minnu dejjem raw rispett kbir. Kien jiehu hsieb ibiddlilha n-nappy u jahsilha u tichad li qatt semghet lill-konvenuta twissi lill-attur biex ma jbiddilx in-nappy. Il-konvenuta ukoll kienet tkun urtata jekk kienet tara lil D, kuntenta fil-presenza ta' missierha.

Ix-xhud issemmi wkoll l-incident ta' meta nharqet id-dar fejn kienu qed ighixu u tghid li f'dak iz-zmien, il-partijiet kienu rrikonciljaw u l-attur kien ikun hafna d-dar biex jaghmel ix-xoghol ta' manutenzjoni. Ghamlu zmien ighixu ukoll flimkien go appartament sakemm id-dar kienet lesta, imbaghad il-konvenuta kienet qabdet u keccietu. Ghalhekk, ix-xhud konvinta li ma kienx hemm abbuz da parti tal-attur, ghax li kieku ma kienx jaghmel sens li wiehed jerga' jirrikoncilja u sahansitra bdew anke jdendlu l-inkwatri tat-tieg fil-kuritur tal-post wara li rrangawh.

Fl-ahhar, ix-xhud thoss li l-konvenuta cahdet lill-minuri D milli tqatta' hin ma' missierha u kienu jwaqqfuha meta kienet tghid kliem dispreggjativ fil-konfront tieghu. Illum m'ghandhomx in kuntatt lanqas mal-konvenuta u lanqas m'ohthom D u sas-sena 2016 kienet ilha ma taraha ghal erba' snin.

Dwar l-abbuz tistqarr li l-konvenuta kienet bdiet issemmih meta t-tifla kellha biss ftit xhur u minn hemm beda l-inkwiet.

8. PS 361 Jean Michel Bartolo, li kien jahdem il-Vice Squad u kien prezenti bhala xhud ghall-istatements tal-attur u tat-tfal tal-konvenuta F u EK. Dan kien fl-10 ta' Frar, 2011. Ighid li l-attur kien attenda b'mod volontarju fl-ufficju tal-Ispettur Raymond Aquilina li kien qed jiehu hsieb il-kaz. Kien hemm rapport li sar mill-konvenuta li l-attur ghamel atti indicenti jew b'xi mod ikkorrompa lill-minuri D. L-attur kien imbaghad inkariga s-servizzi tal-avukat Dr. Anglu Farrugia. Ikkonferma li l-attur kien semma' li hu u l-konvenuta kienu sseparati u li kien jaf li kienet qed takkuzah li kien abbuza mit-tifla pero' l-attur jichad dan u jghid li dan kien jaghmlu biex jaghraxha jew biex ibiddlilha n-nappies. Fiz-zmien imsemmi t-tifla kellha xi sentejn. Dwar l-istatement ta' EK, ighid li dan kien stqarr li ma kienx jemmen lil ommu. Ma kellux access ghall-istatement ta' FK.

9. L-Ispettur Raymond Aquilina jistqarr li l-kaz gie riferut lilu f' Settembru, 2006. Kienet qed tmexxi l-investigazzjonijiet qabel l-Ispettur Sharon Tanti li mbaghad kienet saret Supretendent u kien ircieva ukoll xi korrispondenza da parti tal-Appogg u kien ha feedback minghandhom. Ighid li kien talab lill-Maggur Josephine Gauci biex titkellem mat-tifla u ma rrizulta xejn dwar l-abbuz sesswali. L-agenzija Appogg kienet tal-istess fehma.

Mill-investigazzjonijiet li zamm ighid li ma rrizultalu xejn straordinarju li seta' jsahhah din l-allegazzjoni u anke mill-ezamijiet medici ma rrizulta xejn. Kien ukoll baghat ghall-attur li nnega kollox u jghid li kien

jiehu hsieb it-tifla wkoll peress li l-konvenuta kienet tahdem u kienet tidhol tard u ghalhekk kien jahsilha u anke jbiddlilha n-nappies u biex tinhasel ahjar kien bilfors irid imissilha l-parti taghha.

Jghid li tkellem ma' ulied il-konvenuta, F u EK, u dawn ukoll kienu kkonfermaw li qatt ma kienu raw xi atti hziena da parti tal-attur.

Meta rega' tkellem mal-konvenuta kienet ikkonfermat li sakemm it-tifla ma tkunx se tiltaqa' ma' missierha l-imgieba taghha tkun tajba, izda jekk tkun taf li se tiltaqa' ma' missierha l-imgieba taghha kienet tinbidel.

Jghid li kien ha parir minghand l-Avukat Generali li kkonkluda li ma kienx hemm bizzejjed provi biex imexxu kontra l-attur.

10. Fil-bidu tal-kaz, il-psikologa Carmen Sammut kienet ipprezentat ir-rapport taghha, fejn tat dawl fuq l-istat psikologiku tal-minuri Du thoss li t-tifla hija konfuza u mixtieqa minn hajja familjari stabbli. Osservat ukoll li t-tifla minuri tixtieq tkun ma' missierha ukoll u ma uriet ebda emozzjonijiet negattivi lejh, minkejja li qatt ma rathom flimkien.[3]

11. Ruth Sciberras mill-Agenzija Appogg, tispjega li l-konvenuta kienet marret tkellimhom fl-25 ta' Awissu, 2006 u skond ma qrat mir-rapport, fl-ewwel laqgha t-tifla kienet nizzlet il-qalziet u uriethom x'kien ghamlilha missierha l-attur.[4] Dan kien gara fil-presenza tas-social workers Isabelle Farrugia u Rodianne Borg. Il-konvenuta kienet marret diversi drabi, izda tghid li l-minuri ma kienet semmiet xejn izjed.

---

[3] Ara Dok. CS a fol. 165 tal-process.
[4] Ara Dok. RS 1 a fol. 183 tal-process.

Tikkonferma li sa fejn taf hi ma kienux ittiehdu proceduri kontra l-attur mill-pulizija.

12. Isabelle Farrugia, social worker, spjegat li fl-2006 hi flimkien ma' Rodianne Borg kienu qed jahdmu mal-konvenuta u bintha. Minhabba l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru da parti tal-konvenuta, kienu tkellmu maghha u mal-minuri. Kienu qaghdu jilghabu mal-minuri li kienet tidher kalma u rrilassata. Kien hawn li semmiet li missierha kien pastaz u uriethom x'kien jaghmlilha billi nizzlet il-qalziet ta' taht u misset il-parti taghha.

13. L-Ispettur Silvana Briffa mill-Vice Squad, tispjega li fis-16 ta' Gunju, 2013 kienet giet a konoxxenza ta' rapport fuq il-*media* fuq allegat abbuz sesswali fuq minuri. Kienu kkuntatjaw lill-editur li kkomunika mal-konvenuta u kien hekk li ltaqghet maghha.

Kienet saret laqgha fil-25 ta' Lulju, 2013 fl-ufficju taghha u tghid li kienu prezenti ukoll, apparti hi u l-konvenuta, il-minuri D u s-Surgent WPS 148 Denise Camilleri. It-tifla minuri kkonfermat li kienet marret hemm biex titkellem dwar abbuz sesswali da parti tal-attur, li waqt li l-konvenuta kienet tkun qed tahsel il-platti wara l-ikla ta' filghaxija, l-attur u hi kienu jitilghu fil-kamra tas-sodda taghha u waqt li kien qed ibiddlilha, ghax dak iz-zmien kellha biss tlett snin, kien imissilha l-partijiet privati taghha u tat dimostrazzjoni ta' x'kien jaghmel.

Tghid li l-minuri semmiet ukoll li l-attur kien jara l-pornografija u kienet issejjahlu "papa' pastaz." Fuq mistoqsija tal-konvenuta, il-minuri

kkonfermat li kien hemm drabi fejn kienet tholl il-buttuni tal-flokk jew qmis ta' missierha u tnizzilu z-zipp tas-shorts.

Tghid li l-konvenuta kienet marret ghand il-gazzetti fl-2013 ghax ma kinitx sabet ghajnuna mill-pulizija. B' referenza ghal CID file number CID 2347V tal-2008, li kienu nzammu mill-Ispettur Sharon Tanti u segwit mill-Ispettur Raymond Aquilina, kien hemm decizjoni, fuq parir tal-Avukat Generali, li ma setghux jittiehdu passi kontra l-attur peress li ma kienx hemm evidenza bizzejjed biex isibu l-persuna hatja. Ghalhekk a bazi ta' dan, ix-xhud spejgat lill-konvenuta li ma setghetx tiehu passi kontra l-attur minhabba dawn il-fatturi u ghaldaqstant kienet ghalqet l-investigazzjoni.

14. Rodianne Mallia, in rapprezentanza tal-Agenzija Appogg tghid li fit-2 ta' Ottubru, 2006 l-Ispettur Sharon Tanti kienet marret l-Appogg u flimkien kienu tkellmu mal-minuri D. Il-minuri baqghet tinsisti li missierha kien pastaz u qalet ukoll li kien hemm drabi fejn missierha kien sawwatha fuq spallejha u partijiet ohra ta' gisimha, izda ma kinitx twegga'. Peress li l-Ispettur Tanti ma baqghetx fuq il-kaz, kien beda jiehu hsieb l-Ispettur Aquilina, li kien mar l-Appogg fis-7 ta' April, 2006, fejn it-tifla regghet ikkonfermat li missierha kien abbuza minnha. L-Ispettur Aquilina spjega lill-konvenuta li jekk it-tifla se tghaddi mill-proceduri tal-Qorti kienet se tkun aktar trawmatizzata. Il-konvenuta kienet marret taghmel statement id-Depot, pero' meta x-xhud regghet kellmitha, kienet infurmatha li ma kinitx se tmexxi bil-Qorti. Imbaghad ma baqghetx involuta.

15. HK, bint il-konvenuta, tghid li meta ommha telqet mid-dar u marret tghix mal-partner taghha IJL, ma riditx tmur tghix maghha u kienet

marret tghix maz-zija materna taghha L. Peress li l-konvenuta kienet baqghet tinsisti reggghet marret tghix maghha, izda mbaghad kienet telqet tghix ghal rasha peress li l-partner t'ommha kien se jsawwatha. Hemm indunat li l-konvenuta ma kinitx tiehu gost jekk il-minuri Francesca kienet issemmi lil missierha. Kienet possessiva wisq fuqha. Mal-attur, flimkien mal-konvenuta kienet damet tghix minn meta kellha 4 snin sa meta kellha 12-il sena.

Ix-xhud tispjega kif il-konvenuta kienet tfissed hafna lil ohtha Francesca, tant li kienet ittiha li trid. Darba minnhom fil-presenza taghha, il-minuri riedet xi haga u qalet lil ommha "***jekk ma tixtrihulix ma nitkellimx kif tghidli inti l-Qorti***." Ix-xhud tghid li kienet inhasdet meta semghet dan id-diskors. Tispjega li meta kien ikun hemm l-access tippanikja. Pero' ma setghetx tiftakar jekk kinitx taghmel ix-xenati meta l-konvenuta kienet issemmilha li trid tara lil missierha. Anzi, il-konvenuta kienet tghidilhom li ma kellhomx ghalfejn isemmu lill-attur.

Tispjega li l-attur kien itiha rigali biex tghaddi lil D ghall-Milied jew ghall-eghluq sninha u meta kienet tghaddihom lill-konvenuta, din kienet tghid lill-minuri li kienet xtrathom hi jew Father Christmas. Lanqas halliet lill-attur jattendi ghall-Precett u ghall-Grizma, izda kien ikun hemm il-partner taghha Mario. Tichad li l-minuri Dkienet kissret in-Nintendo peress li saret taf li kien rigal minghand missierha.

Dwar l-abbuz kienu marru tal-Appogg biex isaqsuha jekk l-attur kienx qatt abbuza minnha u nnegat peress li hija tqisu bhala missier u qatt ma kien se jwegga' lill-ebda minnhom. Ghandha d-dubji fuq l-abbuz peress li ommhom ma kinitx issib problema li thallihom kollha d-dar mal-attur filwaqt li hi kienet tohrog. Sadanittant, qatt ma kienet semghet lill-

minuri tghid li ma tridx tara lill-attur jew li tibza' minnu, izda kienet il-konvenuta li ghamlet minn kollox biex tnehhih minn hajjet il-minuri.

Illum, ix-xhud, tghix mal-attur, flimkien ma' hutha minbarra D

16. Doris Vella Cassia, mill-customer care tal-Isptar Mater Dei esebit il-file mediku tal-minuri D.[5]

17. Dr. Joe Cassar kien ra lill-minuri bejn l-4 u l-11 ta' Novembru, 2016, meta giet riferuta l-isptar. Minn mindu kellha sitt snin kienet taht il-kura ta' Dr.Joseph Saliba, li mbaghad irtira u kienet spiccat hadet ix-xoghol tieghu Dr. Lorraine Azzopardi. Peress li kienet specjalista izda mhux konsulent, il-pazjenta giet riferita lilu u dan wara li kienet bdiet thedded li se twegga' lilha nnifisha. Minn dijanjozi li kien ghamel tal-minuri rrizulta li kellha *adjustment disorder bid-depressive mood.* Jghid li l-minuri assolutament ma riditx tara lil missierha u meta dahlet fl-4 ta' Novembru, 2016 kellha hafna dwejjaq li jispjega huwa tipiku tad-disorder taghha. Dawn id-dwejjaq iwasslu biex tkun trid twegga' lilha nnifisha. Meta wiehed inehhilha dak l-*istressor* imbaghad jghaddilha kollox. Ghalhekk meta giet infurmata li kienu waqqfu l-vizti rritornat ghal persuna normalissima.

Dr. Cassar jikkonferma li l-medicini li kienet tiehu l-minuri kien hallihom l-istess u dawn kienu Fluoxetine, li huwa antidepressant ta' 20 mg doza bilancjata ghall-minuri, kif ukoll Silkedyne, pillola biex tghinha torqod u kienet tinghata anke lit-tfal ta' sentejn.

[5] Ara Dok. DVC a fol. 276 tal-process.

Dr. Cassar ikkonferma li waqt il-vizti kien ikun hemm it-tim tieghu, flimkien ma' omm il-minuri u li din kienet semmietlu l-abbuz quddiem l-istess minuri, li kienet ikkonfermat wara ma' Dr. Cassar wara li semmietha ommha. Ma dahalx fil-kwistjoni peress li ma kienx kompitu tieghu. L-interess tieghu kien li l-minuri ma baqghetx bit-tir li twegga' lilha nnifsha.

Dr. Cassar ipprezenta l-file mediku.[6]

18. Il-psikjatra Dr. Lorraine Azzopardi, psikjatra resident specialist fid-Dipartiment tal-Psikjatrija tikkonferma li kienet tara lill-minuri u kienet ratha darbtejn fl-2016, precisament f'Ottubru u Novembru.

Kienet ingabet l-emergenza peress li regghet kienet qed tkun imdejqa u anzjuza u ma kinitx trid tohrog mal-hbieb. Kienet tippreferi toqghod fis-sodda milli tmur l-iskola, pero' kienet taht anti-depressants. Ghal bidu tghid li l-minuri kienet pjuttost maghluqa u mbaghad bil-mod il-mod bdiet tiftah aktar maghha. Tispjega li l-file li kien hemm, kien gie maghluq fuq xi talba tal-familjari li jkunu hassew li l-minuri kienet tajba u ma kienx hemm aktar bzonn li jmorru ghas-sessjonijiet. Imma mbaghad dan l-ewwel appuntament kienet talbitu l-minuri.

Il-psikjatra tispjega li d-darbtejn li kienet rat lill-minuri, kienet fil-presenza tal-omm, fuq insistenza tal-istess minuri u ma kinitx se ccahhadha peress li t-tifla diga' kienet "insecure" u mhux kuntenta.

[6] Ara Dok. JC 1 a fol. 325 tal-process.

Wara l-ewwel laqgha, il-psikjatra tikkonferma li kienet ziedet id-doza tal-medicina tal-minuri peress li kienet ghadha mdejqa. Qabel it-tieni appuntament, il-minuri kienet ittiehdet l-Isptar Monte Karmeli wara li kienet regghet marret l-emergenza u tghid li d-decizjoni tkun ittiehed mit-tobba u l-familjari flimkien.

Fit-tieni vizta tghid li l-minuri kienet aktar pozittiva u dan l-aktar minhabba li kienet taht l-impressjoni li l-access ghal mal-missier kien waqaf u kienet kuntenta. Kienet baqghet bl-istess medicina u cioe' wahda anti-depressant u l-ohra ghall-irqad.

Dr. Azzopardi ttenni wkoll li kienet issuggeriet terapija ghall-minuri, izda sakemm kienet qed tixhed fl-2017 dina t-terapija kienet ghadha ma bdietx. L-ideja hija biex titghallem tikkowpja bl-istress u tiffoka aktar fuq il-prezent, milli l-passat u l-futur. Hija kontra li l-minuri tmur lura ghat-tip ta' terapija fejn wiehed janalizza r-relazzjonijiet u l-passat. Il-minuri ma tridx tmur 'l hemm u bhala psikjatra taghha d-dmir huwa li tghinha tiggieled l-istress taghha, irrespettivament jekk kienx hemm abbuz jew le. Biex it-terapija tkun pozittiva jehtieg li l-pazjent jikkoopera.

Ikkonfermat mill-files li kellha meta kien jaraha Dr. Joseph Saliba kienet tbati bl-istess dwejjaq relatati mal-access ta' missierha. Tikkonferma ukoll li ma kinitx iltaqghet mal-missier.

19. Is-Suprentendent Walter Spiteri esebixxa 32 rapport li ghamlu l-partijiet fil-konfront ta' xulxin u anke rapporti li jinvolvu l-partijiet. [7]

[7] Ara Doks. WS1 – WS 32 a fol. 349 tal-process sa fol.442 tal-process.

20. PC 1029 Mark Grech esebixxa l-fedina penali tal-attur.[8]

21. Dr. Jean Pierre Giorgio, gie nominat minn dina l-Onorabbli Qorti sabiex jirrelata dwar l-istat mentali tal-minuri D kif ukoll dwar l-allegazzjoni tal-missier li hemm il-possibilita' li l-agir tal-minuri fil-konfront ta' missierha jista' jkun effett ta' "parental alienation."

    Il-psikjatra kkonstata illi l-minuri tbati minn "Mixed Anxiety and Depressive Disorder" ikkagunati mill-inkwiet u l-biza' li tista' terga' tigi mgieghla tiltaqa' ma' missierha skond ir-rieda taghha u dan qed ikun ta' detriment ghas-sahha mentali taghha.

    Ikkonkluda ukoll li l-agir tal-minuri fil-konfront tal-attur mhuwiex effett ta' "parental alienation."[9]

**<u>IKKUNSIDRAT</u>**

Il-partijiet isseparaw u skond klawsola 5(e)(iv) tal-istess kuntratt l-attur kellu access ***"darba fil-gimgha mill-17.00 sas-19.00 u l-Hadd fl-istess hinijiet dejjem taht sorveljanza jew tal-mara jew tal-agenti tal-agenzija Appogg skond kif il-partijiet jiftiehmu minn zmien ghal zmien."***

L-attur ilu ma jara lill-minuri sa mis-sena 2010 meta l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali, fejn kien ilu ma joqghod hemm l-attur u marret tghix mal-partner taghha, flimkien mal-minuri D. Minn dakinhar

[8] Ara Dok. MG 1 a fol. 449 tal-process.
[9] Ara rapport a fol. 462 tal-process.

kien rah darbtejn biss u sussegwentement il-konvenuta kien irnexxielha tallontana lill-minuri minn mieghu.

Mill-provi migbura huwa evidenti li l-minuri ma tiftakarx bl-abbuz, peress li dak li qed tallega l-konvenuta sar meta kienet ghad ghandha xi sena u nofs u ghalhekk taf biss dak li tghidilha ommha. Il-verzjonijiet tax-xhieda prodotta huma kontrastanti ghall-ahhar. Hut il-minuri Francesca ssibuha difficli li jemmnu li l-attur seta' abbuza mill-konvenuta, aktar u aktar meta meta kienet tfarfret ftit, il-konvenuta ma kinitx issib problema li thalli t-tfal mal-attur, inkluz D biex hija tohrog tiggerra u tibqa' barra sas-sieghat bikrin ta' filghodu. L-attur kien anke jahsel u jbiddel lill-minuri. Aktar minn hekk, kien hemm xi zmien meta l-partjiet regghu rrikonciljaw u dan ipoggi aktar dubbju fuq l-abbuz.

Il-pulizija stess u anke r-rapporti medici ma kkonfermaw l-ebda forma ta' abbuz, anzi fi kliem l-Ispettur Raymond Aquilina:-

***"…kont mort ghand l-AG u ddiskutejt il-kaz tieghi u kien tal-parir li azzjoni kriminali ma twassalx ghal xi conviction kontra l-akkuzat."***

Il-konvenuta ukoll ippruvat li tpingi lill-attur bhala persuna li kellu l-vizzju li jara l-pornografija u ghalkemm l-istess attur ma gabx provi in sostenn ta' dan, lanqas l-istess konvenuta ma sahhet dawn l-akkuzi. Madanakollu, effettivament, il-qofol ta' dan il-kaz huwa mhux jekk kienx hemm abbuz jew le, jekk l-attur kienx jara l-pornografija, izda jekk l-attur ghandux jinghata tibdil jew varjazzjoni fl-access tieghu lill-minuri, li *ogni caso*, ma kienx qed jigi ezercitat u gie sahansitra sospiz minn dina l-Onorabbli Qorti u jekk dan it-tibdil huwiex fl-ahhar mill-ahhar fl-interess tal-minuri.

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna u kif gia' kkunsidrat aktar 'l fuq, f'kazijiet ta' din ix-xorta, l-Qorti ghandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawza fl-ismijiet **Sylvia Meli vs Philip Vassallo,** gew enuncjati s-segwenti principji:-

***"The Court should at all times seek the best interests of the child irrespective of the allegations, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interests of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child."***

***"Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri "Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-drittijiet tal-genituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mghallma mill-gurisprudenza konstanti taghna…"***[10]

Fil-kaz odjern gew mqabbda diversi esperti li taw l-parir taghhom fuq livell psikologiku u psikjatriku tal-minuri D. L-analizi tad-diversi esperti huwa pjuttost kontrastanti, specjalment minhabba li dahlu f'diversi stadji tal-kaz,

[10] ED vs AB, 237/15 deciza fit-13 ta' Gunju, 2019.

pero' essenzjalment, il-parir taghhom hija li hemm biss direzzjoni wahda li ghandha tigi segwita ghall-minuri, kif se jigi spjegat hawn taht.

It-tifla minuri certament timmanifesta l-istess emozzjonijiet u cioe' dak ta' biza', ansjeta', nuqqas ta' irqad u *bond* kbira lejn ommha.

Dr. Joseph Saliba kien il-psikjatra li segwa l-aktar lill-minuri u jghid li l-ewwel li ddahhlet ic-Child Guidance Clinic kien fi Frar, 2010 u f'dak l-istadju t-tifla kienet qed tbati minn "adjustment disorder" u kien ippreskriva medicina sabiex tkun tista' torqod bil-lejl.

Meta tkellem mal-psikologa Dr. Roberta Farrugia Debono tghid li hu tenna li ***"a pattern was emerged where every time there is contact with the father or some court proceeding, the child becomes highly disturbed and would require medication again.***

***According to Dr. Saliba, Francesca is a very vulnerable child that is very impressionable. He believes that the reality that the child is living is that fostered by parent with whom she is living."*** [11]

Dr. Roberta Farrugia Debono giet nominata fil-bidu tal-kaz u cioe' fit-23 ta' Settembru, 2013 biex tezamina u taghmel assessjar psikologiku tal-minuri u kkonstatat li t-tifla tbati minn *parental alienation* u tghid hekk:-

***"From a psychological point of view this is a clear-cut case of parental alienation where for Rita, it is as though, because she has separated from John, she expects and insists the child does likewise. For Francesca, to***

[11] Ara fol.102 tal-process.

***love John, or even to want visitation with, or accept presents from is tantamount to betrayal. Francesca clearly perceives that Rita cannot tolerate this degree of perceived "disloyalty" such the preservation of the Francesca's relationship with Rita now hinges on the renunciation of the relationship with John.***

**…..**

***When parental alienation occurs, every member of the family is damaged by the process and requires psychological help. Fully aware that research shows that the longer an alienation situation continues, the more difficult it is to treat and to reverse (Shopper, 2005), it is my recommendation that interventions are held with the whole system."***[12]

Ghalhekk, l-istess psikologa rrakkomandat li t-tifla minuri ghandha bzonn it-terapija, izda l-ewwel u qabel kollox trid issir terapija mal-omm u din, fil-fehma taghha hija l-lacuna li kien hemm f'dan il-kaz. L-omm esagerat meta kienet isemmi l-allegat abbuz l-iskola, mal-ghalliema, kif ukoll mal-media u l-gurnali. Anke l-fatt li skond bintha, il-konvenuta kienet tigdeb li r-rigali li kien jibghat l-attur kienu minghand Father Christmas jew minghandha huwa ngustifkabbli, aktar u aktar meta l-istess konvenuta ma nnegatx dan il-fatt.

Skond il-psikologa Farrugia Debono, l-affarijiet iridu jinbidlu u jieqfu b'mod immedjat u t-tifla tigi mhajjra tbiddel il-verzjoni taghha.

[12] Ara fol. 108 tal-process.

Fil-fehma taghha, kienet se tkun trawma wisq ghaliha jekkk tara lil missierha, l-ewwel pass irid ikun it-terapiji fuq imsemmija, segwit aktar tard b'kuntatt ma' hut il-minuri, biex minn hemm tkun tista' tinbena relazzjoni mal-missier, li fl-ahhar mill-ahhar dawn kollu joqoghdu mieghu.

Meta tkellmet ma' Marcella Muscat, Psychologist Child Guidance Unit, li kienet ratha bejn Lulju, 2011 u Frar, 2013, din kienet tal-opinjoni li l-minuri kellha *anxiety disorder* u hija affettwata hafna mill-ansjeta' t'ommha. Kull meta kien hemm xi proceduri l-Qorti, kemm il-konvenuta kif ukoll il-minuri kien ikolhom hafna ansjeta' u l-konvenuta titlob l-ghajnuna, izda malli jikkalmaw kienet tikkancella s-seduti.

L-istess Roslyn Vella, psikologa fl-Appogg li segwiet il-kaz f'Marzu, 2013 u li tkellmet mal-psikologa Dr. Roberta Farrugia Debono kienet konvinta li l-minuri kienet influwenzata immensament minn ommha u kkonfermat ukoll li hija ikkondizjonata mill-ansjeta' t' ommha. Osservat ukoll li t-tifla minuri kienet fidila hafna lejn l-omm u ommha mhix qed tghinha biex tipprova tibni relazzjoni mal-attur missierha. Hasset ukoll li l-imgieba tal-minuri fl-ewwel sessjoni u kien hemm xi drabi ohra fejn kienet donnha "rehearsed."

Il-psikjatra Dr. Joseph Cassar kien ra lill-minuri bejn l-4 u l-11 ta' Novembru, 2016 wara li kien irtira il-psikjatra Dr. Joseph Saliba u kienet giet riferita l-ewwel lil Dr. Lorraine Azzopardi, imbaghad lilu bhala konsulent u dan minhabba li l-minuri Francesca kienet bdiet thedded li kienet se twegga' lilha nnifisha. Mid-djanjosi li zamm irrizulta li t-tifla kienet qed tbati minn "*adjustment disorder bid-depressive mood.*"

Dr. Cassar spjega li dan it-tip ta’ disorder jirrizulta mill-fatt li ***“t-tifla kellha hsieb illi kien ferm go mohhha illi bazikament assolutament ma riditx tara lil missierha. Ovjament, l-isfurzar ta’ dak il-hsieb kien relatat mal-fatt li jaqbadha dwejjaq kbar u tasal f’cirkostanzi fejn dawk id-dwejjaq iggibha f’mument kwazi fejn tipprova twegga’ lilha nnifsha. Jekk inti taqla’ dak l-istressor li ghaliha kien stressor, ovvja li ma baqghetx hemm (l-ansjeta’ u d-depression – emfazi tal-Qorti)”***

Dr. Cassar ikkonferma li l-minuri kienet qed tiehu medicina Fluoxetine bhala anti-depressant u Silkedyne biex tghinha fl-irqad. Izid ighid li l-konvenuta kienet semmietlu li t-tifla ma kinitx trid tara lil missierha peress li kien hemm allegazzjoni ta’ abbuz meta kienet izghar, izda ukoll bhala psikjatra ma dahalx fil-fond fuq din l-allegazzjoni ghaliex it-tir tieghu kien li t-tifla ma tweggax lilha nnifsha. Fil-fatt malli saret taf li kien ser jieqaf l-access kienet ahjar.

Il-konsulent Dr. Jean-Pierre Giorgio gie nnominat bhala espert psikjatra fil-kaz odjern sabiex jirrelata dwar l-istat mentali tal-minuri, kif ukoll dwar l-allegazzjoni tal-missier li hemm il-possibilita’ li l-agir tal-minuri fil-konfront ta’ missierha jista’ jkun effett ta’ *parental alienation.*

Dr. Giorgio ra lill-minuri u lill-konvenuta fis-26 ta’ Lulju, 2018 u kkonstata illi hija persuna genwina u kredibbli. Mid-djanjozi rrizultalu li tbati minn mumenti ta’ *Mixed Anxiety and Depressive Disorder* ikkagunati mill-inkwiet u l-biza’ li tista’ terga’ tigi mgieghla tiltaqa’ ma’ missierha kontra r-rieda taghha.

Dr.Giorgio rrelata illi “***kull meta ma kinitx tiltaqa’ ma’ missierha ghal zmien twil jew l-access tal-missier kien sospiz mill-Qorti, l-istat mentali***

***ta' Francesca dejjem kien ahjar u aktar stabbli u sahansitra giet illicenzjata mill-kura psikjatrika. Izda kull meta kellha terga' tiltaqa' ma' missierha l-istat mentali taghjha dejjem rega' ddeterjora, tant li dejjem kellha terga' tibda l-kura psikjatrika."***

Il-psikjatra huwa tal-opinjoni li l-minuri ma tridx tara lil missierha, mhux bhala effett ta' *parental alienation*, izda l-allegat abbuz sesswali, l-imgieba aggressiva u t-theddid tal-attur fil-konfront tal-konvenuta u maghha meta kienet izghar, wassluha biex issibha difficli biex tizviluppa rapport tajjeb ma' missierha. Minhabba f'hekk qatt ma zviluppat rapport b'sahhtu ma' missierha u ghalhekk il-minuri thoss li lill-attur ma kinitx thobbu u tibza' minnu u ma tixtiequx f'hajjitha.

In konkluzjoni, il-psikjatra mqabbad mill-Qorti rrakkomanda li jekk il-minuri jkollha tiltaqa' ma' missierha, dan kien se jkun ghad-detriment ghas-sahha mentali taghha.

Tenut ta' dan kollu, mill-provi migbura ma jidhirx li l-attur huwa persuna li mhux dehen ta' missier. Ulied il-konvenuta mill-ewwel zwieg juru hafna rispett lejh u jikkunsidrawh bhala missierhom, li wara li abbandunathom ommhom, refa' r-responsabbilita' hu u dahhalhom f'daru. Il-fatt li anke l-istess konvenuta kienet regghet ghamlet zmien tipprova tirranga mieghu u li kienet tohrog u thalli t-tfal kollha mieghu, inkluz D, meta diga' kienet qed issemmi l-abbuz, jaghti x'jifhem li l-attur huwa persuna, li forsi seta' kellu xi difetti jew vizzji, imma kellu kwalitajiet ta' missier. Huwa minnu ukoll li mill-provi jirrizulta li zzewweg ta' 40 sena u kellu certu nuqqasijiet kif jintegra f' relazzjoni peress li kien single ghal zmien twil.

Sfortunatament, kif jigri hafna drabi f'dawn it-tip ta' kawzi ta' separazzjoni, il-pika u l-vendetta jiehdu l-ahjar taghhom u sfortunatament ukoll il-vittma ta' dan kollu spiccat il-minuri D, mdawwra b'storja ta' allegat abbuz u segwita b'possessivita' tal-konvenuta li hadet il-minuri f' idejha u sa certu punt dina l-Qorti m'ghandhiex dubbju mmanipulat il-hsibijiet taghha, anke meta tigi in konfront mal-esperti. Dan wassal ghall-*parental alienation* u l-istess minuri bdiet thossha aktar leali lejn ommha u bdiet thares lejn missierha l-attur qisu xi mostru.

Kull pass li tkun se taghmel, tibza' li se twegga' lil ommha, tant ir-relazzjoni kienet qawwija bejniethom per konsegwenza tal-possessivita' tal-konvenuta. Dan ma serva ta' ebda gid ghall-minuri, flimkien mar-repetizzjoni kontinwa tal-istorja tal-allegat abbuz, li mhux biss kienet issemmiha ripetutament fil-presenza tat-tifla, l-iskola, mal-ghalliema u sahansitra anke mal-esperti u l-media.

Dan wassal li l-minuri, tramite ommha, zvillupat sens ta' ansjeta' u biza' meta kkonfrontatha li tara lil missierha taht supervizjoni u r-reazzjoni tal-omm kienet li tehodha l-isptar jew ghand psikjatra biex b'hekk tevita l-Qorti. Imbaghad malli t-tifla tikkalma twaqqaf is-sessjonijiet.

Dawn il-fatturi kollha, il-*parental alienation*, l-effett tas-separazzjoni, l-biza' l-ansjeta' kollha wasslu biex it-tifla zvillupat *adjustment disorder* u/jew *anxiety disorder* kif kienet id-djanjozi tal-psikjatri nvoluti, li mhumiex identici ghal kollox. Madanakollu, l-parir kien wiehed, l-access ghall-attur ma kienx ideali fil-present, tenut kont tal-istress u trawma li tghaddi minnhom il-minuri D.

Il-partijiet u l-minuri, flimkien mal-familja estiza kollha, qed ibatu minn din is-sitwazzjoni u l-ghajnuna trid tolqot lil kulhadd. Sfortunatament, ic-cirkostanzi setghu jigu evitati u din il-Qorti bl-ebda mod mhi qedgha tiggustifika l-mod kif it-tifla giet manipulata u kkondizzjonata ghad-detriment taghha u taghha biss. L-interess tat-tfal huwa assolut u suprem u d-drittijiet taghhom ghandhom jigu rispettati, primarjament billi l-genitur ma jilghabx bis-sentimenti u l-emozzjonijiet taghhom sabiex jivvantagga ruhu.

Ghalhekk, sabiex jigu ssalvagwardjati l-interessi tal-minuri l-unika triq hija li tinzamm terapija l-ewwel ghall-omm peress li hija parti kbira mill-problema ghax ghandha impatt kbir fuq l-emozzjonijiet tal-minuri u dan sabiex titghallem tkun aktar pozittiva lejn il-minuri u jkollha ttrenjar fil-*coping skills*, sabiex tkun tista' aktar tghin lit-tifla tifhem meta se jkun hemm xi haga li se johloq stress ghaliha. Jekk tibqa' kalma l-omm, l-influenza se tkun ta' gid ghall-minuri, ghax x'aktarx tibqa' kalma hi.

Imbaghad ghandha tinzamm terapija ghall-minuri biex hi ukoll, bl-impatt pozittiv da parti t'ommha tibda ukoll titghallem il-*coping skills,* sabiex tkun ippreparata biex tara lil missierha.

Jekk dan il-pass jigi sorvolat, ghandu jkun hemm laqghat ma' hut il-minuri, li wrew ix-xewqa li jarawha lil D u dan bl-iskop li jwassal sabiex tkun tista' tintegra maghhom u mbaghad ma' missierha, li prattikament qed irabbi lil hutha.

Ghandu jkun hemm terapija ghall-attur ukoll, li ghandu jifhem il-bzonnijiet tat-tifla li ghalissa mhux fl-interess taghha, minhabba l-istat mentali taghha, li tezercita l-access. Illum ghadda ammont sostanzjali ta' zmien u

jkun trawmatiku wisq ghall-minuri li terga’ tibda l-access mal-attur mil-lum ghal ghada. Hemm wisq’ insigurta’, wisq rabja u biza’ biex terga’ tibni relazzjoni ma’ missierha. Jehtieg hafna xoghol u terapija biex jigu evitati aktar trawmi ghall-minuri. Il-Qorti tapprezza ukoll li cirka sentejn ohra, il-minuri dalwaqt issir maggorenni u l-access hekk issir mhux obbligatorju, pero’ tkun sfortuna kbira jekk verament ma tkomplix ssegwi din it-terapija jekk ma jkunx sar progress sa dak iz-zmien u tipprova tibni relazzjoni ma’ missierha mat-trapass taz-zmien, ghax inkella l-iskop ta’ din it-terapija tkun taret mar-rih.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi, dina l-Onorabbli Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:-

Filwaqwt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta;

Tilqa’ t-talba tal-attur, in kwantu tvarja l-klawsola imsemmija u taghti lill-istess attur access liberu ta’ bintu Francesca, b’dana illi l-istess minuri tibda tattendi ghal dan l-access wara li ssir it-terapija relattiva maghha, mal-attur, kif ukoll mal-konvenuta, u ghalhekk tinnomina lil Carmen Delicata bhala Terapista tal-Familja kif ukoll lill-Psaikjatra, Dr. Lorraine Azzopardi, u wara li l-istess esperti jaccertaw ruhhom li l-access jista’ jerga’ jigi ezercitat, u dan wara ukoll li jkun sar kuntatt u tinbena relazzjoni ma’ hut il-minuri. Meta l-minuri, ssir maggorenni, theggeg lil kulhadd isegwi t-terapija mehtiega sabiex fl-ahjar interessi tal-minuri r-relazzjoni bejn il-missier u l-bint tinbena’ mill-gdid.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**Onor. Anthony Vella**

**Imhallef**

**Deputat Registratur**